# FIRDA

*Ta'* OLIVER FRIGGIERI

Bħal vleġġa li, maħruba, toħroġ tiġri
kif tħoss tinħall il-ġibda li jassritha
mal-qaws, int ħrabtli 'l bogħod, ħamiema bajda,
u ħallejtni nħares lejk, togħla u titbiegħed
bla tama li narak mill-ġdid fuq driegħi,
ittiegħem, biex iżżoqq, il-qamħ f'idejja.

U ħrabt biex tgħix ħajj'oħra,... iżda fil-bejta
ħallejt id-dell tal-mewt ihedded il-ħajja
ta' żewġ ħajjiet... Ħallejthom f'kenn it-tiben
li f'għaqlek ġbart, jgħajtulek biex bħal qabel
titmagħhom,... iżd'għalxejn!... il-karba tagħhom
ma tmiss qalb ħadd! U l-Mewt tirbaħ il-Ħajja!

Iżd'inti ma taħtix! Ma tafx bil-ħerba
li ġibt warajk! 'Mma l-bniedem jaf! Misħut!